



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 113/15
Il-Lussemburgo, 5 ta' Ottubru 2015

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Tibdil parjali tal-Qorti tal-Ġustizzja u dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-24 ta' Settembru 2014, tal-1 ta' April 2015 u tas-16 ta' Settembru 2015, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021, il-mandat ta' tnax-il Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri ta' Lars Bay Larsen, François Biltgen, Marko Ilešič, Endre Juhász, Küllike Jürimäe, Koen Lenaerts, Siniša Rodin, Allan Rosas, Marek Safjan, Rosario Silva de Lapuerta, Daniel Šváby u Camelia Toader.

Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2015, ġew maħtura bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021, Eugene Regan, li qiegħed jissostitwixxi lil Aindrias Ó Caoimh, u Michail Vilaras, li qiegħed jissostitwixxi lil Vassilios Skouris.

Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' April 2015, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021, il-mandat ta' żewġ Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri ta' Juliane Kokott u Eleanor Sharpston.

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-1 ta' April 2015, tal-15 ta' Ġunju 2015 u tas-16 ta' Settembru 2015, ġew maħtura bħala Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2012, Michal Bobek, Henrik Saugmandsgaard Øe¹ u Manuel Campos Sánchez-Bordona, fejn dan tal-aħħar qiegħed jissostitwixxi lil Pedro Cruz Villalón.

Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2015, Ian Stewart inħatar bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali minflok Nicholas James Forwood għall-bqija tal-mandat ta' dan u tal-aħħar, jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2015 fl-okkażjoni, minn naħħa, tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Aindrias Ó Caoimh, Pedro Cruz Villalón, Niilo Jääskinen², Nicholas James Forwood u Vassilios Skouris u, min-naħħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-Istituzzjoni.

Iċ-ċeremonja ser tiġi trażmessu b'mod dirett fis-7 ta' Ottubru 2015 mill-16:15 fuq is-sit segwenti:
<http://conference.connectedviews.com/Live.aspx?i=cdj>.

¹ Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE, tal-25 ta' Ġunju 2013, li żżid l-għadd ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 179, 19.6.2013, p. 92), in-numru ta' Avukati Ġenerali ġie miżjud minn disgħa għal-ħdax b'effett mis-7 ta' Ottubru 2015. Il-pożizzjonijiet mogħti ja li M. Bobek u lil H. Saugmandsgaard Øe jikkorrispondu għaż-żewġ pożizzjonijiet ġodda ta' Avukati Ġenerali.

² L-Avukat Ġenerali li ser jissostitwixxi lil N. Jääskinen ser jidħol fil-kariga iktar tard. Dan ser ikun ta' nazzjonalità Bulgara, skont il-prinċipju ta' rotazzjoni.

Curricula vitae tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali

Michal Bobek

imwieleed fl-1977; master fid-dritt u master fir-relazzjonijiet internazzjonal (Università Karlova ta' Praga); gradwat fid-dritt Ingliż u fid-dritt tal-Unjoni Ewropea (Università ta' Cambridge); Magister Juris (Università ta' Oxford, St. Edmund Hall); dottorat fid-dritt (Istitut Universitarju Ewropew, Firenze); studji fl-Università libera ta' Brussell u fl-Università ta' Queensland (I-Australja); référendaire mal-President tal-Qorti amministrattiva suprema tar-Repubblika Ċeka (2005-2009), u wara Kap tad-dipartiment ta' riċerka u ta' dokumentazzjoni tal-istess qorti (2008-2009); kapaċitā li jeżerċita l-funzjonijiet ta' Mħallef fir-Repubblika Ċeka (2009); lecturer (2011 u 2012) u riċerkatur (2013-2016) fl-Istitut tad-dritt Ewropew u tad-dritt ikkomparat fl-Università ta' Oxford; professur fil-Collège d'Europe fi Bruges (2013-2015); membru tal-bord tal-appell tal-Bank nazzjonali Ċek (2013-2015); Imħallef *ad hoc* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2013-2015); kofondatur u president tal-assoċjazzjoni Ċeka tad-dritt Ewropew u tad-dritt ikkomparat; lecturer u professur mistieden f'diversi universitajiet fl-Ewropa u barra mill-Ewropa; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, tad-drittijiet Ewropej tal-bniedem, tad-dritt (pubbliku) ikkomparat u tat-teorija tad-dritt; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2015.

Manuel Campos Sánchez-Bordona

imwieleed fl-1950; gradwat fid-dritt mill-Universtajiet ta' Sevilla u ta' Grenada (1967-1972); prosekutur fil-qrati ta' Palma de Majorca u ta' Sevilla (1977-1982); Imħallef fl-Awla tal-kontenzjuż amministrattiv tal-Qorti superjuri tal-ġustizzja tal-Andalucía, fil-Qorti nazzjonali u fil-Qorti superjuri tal-ġustizzja tal-Canarias (1982-1989); president tal-Awla tal-kontenzjuż amministrattiv tal-Qorti superjuri tal-ġustizzja tal-Cantabria (1989-1994); référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1995-1999); membru tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-qrati amministrattivi supremi tal-Unjoni Ewropea (ACA-Europe) (2006-2014); membru tal-kummissjoni elettorali ċentrali (2012-2015); Imħallef fl-Awla amministrattiva tal-Qorti suprema ta' Spanja (1999-2015); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2015.

Ian Stewart Forrester

imwieleed fl-1945; gradwat mill-Università ta' Glasgow (MA fl-1965, LLB fl-1967) (storja u litteratura Ingliża, dritt); masters fid-dritt civil mill-Università Tulane ta' Louisiana (MCL fl-1969); iskritt fil-kamra tal-avukati tal-Iskozja (1972) u fil-kamra tal-avukati ta' New York (1977); maħtut bħala Queen's Counsel (1988); iskritt fil-kamra tal-avukati tal-Ingilterra u ta' Wales (1996) u fil-kamra tal-avukati ta' Brussell (1999); eżerċita l-professjoni ta' avukat fil-kmamar tal-avukati ta' Edinburgh, ta' Brussell, ta' Londra u ta' New York; professur mistieden (1991) u dottorat *honoris causa* (2009) fl-Università ta' Glasgow; bencher fil-Middle Temple (2012); arbitru fl-International Chamber of Commerce (ICC), fl-International Centre for Settlement of Investment Disputes (ICSID) u fil-Court of Arbitration for Sport (CAS); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2015.

Eugene Regan

imwieleed fl-1952; master fix-xjenzi politiċi u ekonomiċi (1974) u master fl-ekonomija politika (1975) fl-University College ta' Dublin; master fid-dritt internazzjonal u fid-dritt ikkomparat fl-Università libera ta' Brussell (1979), barrister iskritt fil-Kings Inns ta' Dublin (1985), analista ekonomiku mal-Irish Farmers' Association f'Dublin (1975-1976); direktur tal-ufficċċu tal-Irish Farmers' Association fi-ħdan il-Komunità Ekonomika Ewropea (1976-1979); direktur eżekuttiv tal-Irish Meat Exporters Association (1980-1984); konsulent politiku mal-Kummissarju Peter Sutherland (1985-1988); direktur ġenerali ta' Agra Trading Ltd (1989-1995); barrister (1995-2005) u Senior Counsel barrister (mill-2005); membru tas-Seanad (kamra superjuri tal-Parlament Irlandiż) (2007-2011); president tal-Grupp ta' avukati u kap tal-proġett tal-Grupp "Ġustizzja" tal-Istitut tal-affarijiet internazzjonal u Ewropej (mill-1998); Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2015.

Henrik Saugmandsgaard Øe

imwieleed fl-1964; master fid-dritt mill-Università ta' Aarhus (1991); master fid-dritt Ewropew mill-Collège d'Europe fi Bruges (1993); lecturer fl-Universitajiet ta' Aarhus (1991-1993) u ta' Copenhagen (1999-2001); professur mistieden fl-Universitajiet ta' Copenhagen u ta' Aalborg (mill-2008); avukat iskritt fil-kamra tal-avukati Daniża (1995); référendaire mal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (1994-1999); prosekurur fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku ta' Copenhagen (1999-2000) u spettur mad-distretti tal-pulizija (2004-2006); konsulent legali mar-rappreżentant tal-Prim Ministru Daniż matul in-negożjati għat-tfassil tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (1999-2000); kap ta' dipartiment fl-Uffiċċju tad-dritt Ewropea (1999-2000); kap ta' dipartiment fl-Uffiċċju tad-dritt Ewropew u tad-drittijiet tal-Bniedem (2000-2001) u kap ta' dipartiment fl-Uffiċċju tad-dritt ta' proprjetà u tal-obbligi tal-Ministeru tal-Ġustizzja (2001-2006); Ombudsman tal-konsumaturi nnominat mill-Gvern Daniż (2006-2014); Imħallef fil-Østre Landsret, Copenhagen (2015); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2015.

Michail Vilaras

imwieleed fl-1950; avukat (1974-1980); espert nazzjonali mas-Servizz Legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1988-1990), u mbagħad amministratur prinċipali fid-Direttorat Ġenerali V "Impjieg, relazzjonijiet industrijali, affarijiet soċjali" (1990-1994); awditur, uffiċċjal legali u, mill-1999, konsulent fil-Kunsill tal-Istat Elleniku; membru assoċjat tal-Qorti suprema speċjali tal-Greċja; membru tal-Kumitat ċentrali għat-tfassil tal-abbozzi ta' liggħiġiet tal-Greċja (1996-1998); direktur tas-Servizz Legali fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern Elleniku (1996-1998); Imħallef fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (1998-2010), President ta' Awla mill-2004 sal-2010; Membru tal-Kunsill superjuri tal-ġustizzja amministrattiva (2011-2012); Membru tal-Qorti speċjali għat-tilwim dwar ir-remunerazzjonijiet tal-maġistrati u tal-Qorti speċjali għal kawżi kontra maġistrati (2013-2014); membru tal-bord konsultattiv ta' esperti dwar il-kandidati għall-elezzjoni tal-Imħallfin fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2014-2015); membru tal-kumitat kompetenti sabiex jagħti opinjoni dwar il-kompetenza tal-kandidati għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (2012-2015); lecturer tad-dritt Ewropew fl-Iskola nazzjonali tal-maġistratura (1995-1996 u 2012-2015); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2015.

Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106